# IL-MADALENA

Min kienet il-Madaliena? Skond il-fehma tal-kotra ta' l-insara sa minn żminijiet qodma l-Madalena kienet oħt Marta u Lażżru, mara ħażina, li nidmet, talbet u qalgħet il-maħfra wara li xarrbet riġlejn Ġesù bil-fwieħa u saret qaddisa. Hekk jaħsbu l-biċċa l-kbira ta' l-insara, u din il-fehma nsibuha saħansitra fil-Liturġija. Il-Knisja tagħmel il-festa ta' S. Madaliena fit-22 ta' Lulju. Fl-"Oremus" nitolbu li Alla jagħtina l-għajnuna bl-interċessjoni ta' Marija Madaliena li għat-talb tagħha ħuha Lażżru, li kien ilu erbat ijiem mejjet, kien imqajjem għall-ħajja. U f' talb ieħor ta' dak in-nhar il-Madaliena hi l-mara midinba li ħaslet riġlejn Kristu bil-fwieħa, bkiet dnubietha u qalgħet il-maħfra. Imma hemm ħafna għorrief illum li jgħidu li l-midinba ma kenitx il-Madaliena u anqas ma kienet oħt Lażżru, iżda kienet mara li ma nafux min kienet. Naraw ftit x'igħidilna l-Vanġelu.

Naqraw fl-Evanġelju ta' S. Luqa, kap 7, versi 36-50, li Kristu darba kien mistieden għall-ikel għand wieħed Fariżew. Waqt l-ikel daħlet waħda mara, magħrufa bħala mara tad-dnub, infexxet tibki u xarrbet riġlejn Kristu biddmugħ u dilkithomlu bil-fwieħa. Kristu ra l-indiema tagħha u ħafrilha. Min kienet din il-mara ħażina S. Luqa ma jgħid xejn. Jew ma kienx jaf, jew ma riedx ixandarha. Issa fl-Evanġelju ta' S. Ġwann kap 11, vers 2 naqraw li Marija, oħt Lażżru, kienet dik li dilket riglejn Ġesù bil-fwieħa. Mela jidher ċar li l-midinba kienet oħt Lażżru. U fil-kap 12 naqraw li Marija, oħt Lażżru dilket tassew riġlejn Ġesù bil-fwieħa waqt l-ikel.

Il-Madaliena jew Marija Madaliena tissemma bħala waħda fost dawk in-nisa twajba li kienu jimxu wara Ġesù u li baqgħu jimxu warajh sa fuq il-Kalvarju. Kienet mara li tħobb 'il Ġesù b'imħabba tal-ġenn. Kienet l-ewwel waħda li marret tiġri lejn il-qabar ta' Ġesù malli għadda l-jum tas-Sibt u lill-anġli li dehrulha ħdejn il-qabar vojt qaltilhom: "Ħaduli s-Sinjur tiegħi u ma nafx fejn qiegħduh". Kienet kollha ħeġġa, ma tibża' minn ħadd u minn xejn, basta tkun ħdejn Ġesù. Baqgħet sejra warajh sal-Kalvarju bla ma tat każ tal-Lhud għedewwa ta' Ġesù. Issa dan kollu jaqbel man-natural tal-midinba. Din ukoll kienet mara li ħabbet 'il Ġesù bla tarf; kienet kollha ħeġġa u xejn ma qagħdet tqis il-mistednin; daħlet bla ma kienet mistiedna, ġriet lejn riġlejn Ġesù, bkiet, ħaslet riglejn Ġesù bid-dmugħ u bil-fwieħa bla ħasset l-ebda mistħija. Għalhekk, igħidu, l-mara ħażina u l-Madaliena jaqblu f'kollox u huma mara waħda.

Dawn ir-raġunijiet jiswew xi ħaġa żgur, imma hemm raġunijiet oħra kontra tagħhom. L-ewwelnett dak li jgħid S. Ġwann li Marija, oħt Lażżru, dilket riġlejn Ġesù bil-fwieħa u mesħithomlu b'xagħarha mhux bil-fors għandu jiftiehem għad-dlik tal-mara midinba. Jista' jiftiehem ukoll għad-dlik ta' Marija, oħt Lażżru, li sar ftit wara u li San Ġwann isemmi fil-kap 12. Għalkemm dan id-dlik jissemma wara dak tal-kap 11, naħsbu li kien l-istess wieħed. Tassew li S. Ġwann fil-kap 11 igħid li Marija **dilket,** fiż-żmien li għadda mhux fiż-żmien li ġej, imma aħna għandna nqisu ż-żmien meta S. Ġwann kiteb mhux iż-żmien tal-ġrajja. Meta S. Ġwann ki-

teb l-Evanġelju d-dlik ta' Betanja kien ilu li sar u għalhekk S. Ġwann, meta semmieh fil-kap 11, seta' jgħid li Marija **dilket** għalkemm dan id-dlik jissemma wara. Hekk ukoll S. Ġwann u l-Evanġelisti l-oħra, meta jsemmu 'l Ġuda, jgħidu: Dak li ittradieh, għalkemm kien għadu ma ittradiehx.

Raġuni oħra. Marija, oħt Lażżru, kienet minn Betanja, qrib Ġerusalem, u dejjem tissemma Marija. Iżda l-Madaliena kienet minn Magdala, fil-Galilija u tissemma dejjem Marija l-Madaliena. Jista' jkun li huma persuna waħda? Madaliena bil-Grieg u bil-Latin, u **Magdala** hi belt jew raħal fil-Galilija. Mela Madaliena mhux isem, imma laqam meħud mill-isem tal-belt ta' din il-mara.

Iżjed. Nafu li Kristu u Lażżru u ħutu kienu ħbieb ħafna. Meta u kif bdiet dil-ħbiberija ma nafux. Jista' jkun li bdiet wara l-konversjoni ta' Marija l-Madaliena; imma jista' jkun ukoll li bdiet qabel. F'dan il-każ kif jista' jkun li Kristu jmur għand il-ħbieb tiegħu, jiekol magħhom u jorqod għandhom bla ma jsemmu qatt lil oħthom, bla ma juru l-għali tagħhom, bla ma jitolbu l-Imgħallem iħenn għaliha u jigbidha fit-triq it-tajba? U Kristu seta' ġibidha b'ħarsa biss jew b'kelma waħda. Minn dan kollu ma għamel xejn. Il-Madaliena rat il-kruha ta' dnubietha, nidmet u marret tiġri għand Ġesù biex titolbu jaħfrilha. Il-Madaliena marret tfittex 'il Ġesù, mhux Ġesù l-Madaliena, kif kien imissu jagħmel kieku hi kienet oħt il-ħbieb tiegħu.

Jeħtieġ inżidu wkoll li l-għorrief tal-Knisja mhumiex kollha fehma waħda jekk il-Madaliena kenitx il-midinba li jsemmi S. Luqa u oħt Lażżru inkella xi mara oħra. U għalhekk ma nistgħux ngħidu li l-Knisja dejjem emmnet li S. Marija Madaliena kienet il-midinba konvertita. Jiena jidhirli li l-midinba ma kenitx il-Madaliena, iżda nistqarr li l-kwistjoni mhix maqtugħa.

P.P. Saydon.

---

## IL-QABAR TA' ĠESU' KIEN IR-RABAT, MALTA

M'hux biċ-ċajt, taf; minnu. Jekk trid tara b'għajnejk, agħmel li sa ngħidlek jien. Mur ir-Rabat, ibqa' sejjer ħada l-ġnien, idħol filbitħa tar-"Roman Villa", u meta tasal quddiem il-bieb, dur lejn il-lemin. Hemm, wieqfa mal-ħajt, tara blata ta' qabar, kbira, miktuba bil-Lhudi. Il-blata hi maqtugħa minn ħaġar ġunġlieni, imma l-kitba qisha kollha mittiekla, b'dana kollu għadha tinqara tajjeb wisq il-kelma Lhudija "Jexugħ", jiġifieri "Ġesù".

Dan l-isem Jexugħ, kien miexi wisq fost il-Lhud, bħal ma huma Karmnu u Ġanni hawn Malta issa. Dak kien il-qabar ta' xi Lhudi-Malti tal-antik. Jista' jkun li min kien midfun fih kellem lil San Pawl meta ġie Malta.